MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2011

Numru 298/2011

Il-Pulizija
(Spettur Robert Vella)
(Spettur Ramon Mercieca)

vs

Glen Debattista

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita numru 565359(M), akkuzat talli nhar it-12 ta' Frar 2011 ghall-habta ta' 16.35hrs gewwa l-Istadium Nazzjonali li jinsab gewwa Ta' Qali limiti ta' Attard:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq-il persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li

jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz. Kap 9 Art. 95.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti. Kap 9 Art. 96.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam nal-kariga taghhom, Kap 9 Art 91.

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu. Kap 9 Art. 338 (ee).

5. fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied. Kap 9 Art. 338 (dd).

6. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod abuzziv. S.L 10.33 (7).

7. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika. Kap 9 Art. 338 (bb).

8. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ghamel lili haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti. Kap 9 Art. 339 (e).

9. ikkommmetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza

moghtija nhar it-16 ta’ Marzu 2009 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti mitluba li f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita’ skond il-ligi, tordna illi l-imsemmija imputati ma jattendux fi ‘grounds ta’ sports’ ghall-dak il-perjodu ta’ zmien li din l-Onorabli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li l-kawza ssir sommarjament.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jirriferu ghal incident li kkawza l-imputat fil-ground ta’ “Ta Qali”.

L-ammissjoni tieghu hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Rat l-Artikolu 95, 96, 338(bb)(ee)(dd) u 17 tal-Kap 9 u r-regolament 9(1) tal-Ligi Sussidjarja 10.33. Tikkundannah komplessivament is-somma ta’ €1000 u testendi l-perjodu tas-sentenza sospiza ta’ tlett xhur prigunerija (re sentenza 16 ta’ Marzu, 2009) ghal sentejn mill-lum applikat l-Artikolu 28B tal-Kap 9, oltre li tipprojbixxi lill-imputat li jattendi f’kwalsiasi post fejn tigi esercitata kull attivita’ sportiva ghal perjodu ta’ sena mill-lum. Fir-rigward il-multa qeghdha tikkoncedi dilazzjoni ta’ zmien ta’ tlett xhur biex tithallas bid-dekadenza fin-nuqqas u konvertibbli f’prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------